**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**AMANDA BORG MANDUCA**

**SEDUTA NAXXAR**

**Illum, 6 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Amanda Borg Manduca ta' 27 sena, bil-karta ta' l-identita' numru 430990M fejn giet akkuzata li nhar is-7/12/2017 u fil-granet ta' qabel waqt li kont fir-residenza bin-numru 31, Triq Xatt il-Palm. Bahar ic-Caghaq:

> "*minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek gieghelt bl-awtorita' tieghek innifsek lil xi hadd jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Samuel Meilak fil-pussess ta' hwejgu b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.*
>
> *Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk*

*ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 85 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-allegazzjoni li sar rapport minn Samuel Meilak li anke xehed f' dawn il-proceduri fejn irraporta li huwa kera appartament f' Bahar ic-Caghaq lill-imputata u hija kienet haditlu sett ta' televizzjoni jiswa EUR 250 u xi lozor.

Mid-dokument ezebit bhala Dok SM 1, jidher li l-ftehim ta' kera dwar appartament f' Bahar ic-Caghaq sar bejn l-imputat u Marquita Camilleri u mhux mal-kwerelant Samuel Meilak.

Il-prosekuzzjoni ma resqitx prova (i) li dan is-sett ta' televizzjoni u lozor kienu proprjeta' ta' Samuel Meilak; (ii) dwar il-valur ta' dawn l-allegati lozor u sett ta' televizzjoni; u (iii) dwar jekk meta nkera dan l-appartament in kwistjoni kienx hemm fl-istess appartament dan it-televizzjoni u dawn il-lozor. In fatti, lanqas inventarju ma gie anness mal-ftehim ta' kera ezebit bhala Dok SM1.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar l-imputazzjoni in ezami.

**Decide**

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni mressqa fil-konfront taghha u qed tilliberaha minn kull kundanna u htija.**

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**